Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2060/2004

**Auto Repairs & Services Limited (C20077)**

**vs**

**Joe Perici Calascione (ID569356M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm345.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata u servizzi rezi fir-rigward tal-vettura personali tieghu Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni DAE-872.**
**Bl-ispejjez, anke tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju, 2004, u bl-interessi mid-data tal-konsenja u tas-servizz rez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fuq il-faccata tal-avviz l-ammont mitlub huwa dak ta' mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm276.69), a differenza ta' dak li hemm fit-talba.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal:**
**Illi fl-ewwel lok in linea preliminary, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hu personalment ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici fil-mertu de quo u l-vettura msemmija ma hijiex proprjeta` tal-konvenut proprio imam tas-socjeta` Fenici Insurance Agency. F'dan il-kuntest l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur.**
**Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal-premess l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.**
**Illi fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi fl-ewwel lok, kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-servizzi li s-socjeta` attrici tat, ma kienu b'ebda mod soddisfacenti kif jista jigi debitament ppruvat, kellu jiehu il-vettura in kwistjoni ghand terzi sabiex jirrangaw, fil-limiti tal-possibbli, ix-xoghol difettuz tas-socjeta` attrici.**
**Illi fl-ahhar nett, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-attur huwa ferm eccessiv, ghax-xoghol maghmul.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Clive Mifsud, Frank Fenech, Joe Perici Calascione u John Busuttil. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' servizzi u materjal dwar il-vettura Honda Accord numru DAE-872. Il-konvenut qed jghid li mhux il-legittimu kontradittur peress illi l-vettura tappartjeni lil fenici Insurance Agency,qed jeccepixxi ukoll l-preskrizzjoni a tenur tal-Art.2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u finalment**

**qed jghid li s-servizzi ma kienux soddisfacenti u li l-ammont pretiz huwa eccessiv.**

**2. Dwar l-ewwel eccezzjoni l-konvenut jghid li l-vettura tappartjeni lil Fenici Insurance Agency Limited, u originarjament kienet proprjeta` Fenici Insurance Brokers. Fi zmien minnhom wara l-incident, Fenici kienu f'diskussjonijiet ma' Melita Insurance u Melita Brokesr sabiex isir merger, Kien f'dawn id-diskussjonijiet li l-konvenut iltaqa' ma' Frank Fenech tas-socjeta` attrici, u gie suggerit lilhu li jsewwei ghand l-imsemmija socjeta` attrici, u hu accetta.**

**3. Pero` ma jirrizulta minn imkien illi l-konvenut kien qal lis-socjeta` attrici dwar jekk il-vettura hix tieghu jew le. Kien hu li hadha ghat-tiswija, u kien hu li kien qed jassumi ir-responsabilita` ghall-pagament. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.**

**4. Dwar it-tieni eccezzjoni cioe li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Art, 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` il-preskrizzjoni bid-dekors ta' tmintax-il xahar jinghad, kif gie ritenut mill-Qrati taghna l-preskrizzjoni nvokata ma hix applikabbli ghall-min qieghed jezercita impriza, bhal ma hija qed taghmel fil-fatt is-socjeta` attrici, izda se mai kienet tapplika dik ta' sentejn. Apparti minn dan :**

**"Invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati mill-Ligi, l-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikulari ohra li ma gietx invokata." (Domenico Bezzina pro et noe vs John Said - dec.4.3.1958 – Vol.XLII –1152)**

**Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistghax tigi milqugha.**

**5. Ghalhekk jibqa biss li wiehed jindaga dwar il-meritu. Huwa minnu li jirrizulta li s-socjeta` attrcii ghamlet t-tiswijiet mehtiega fil-vettura tal-konvenut. Pero` jirrizulta wkoll meta mar irtira l-karrozza personalment minghand is-socjeta` attrici u pparkjha, John Busuttil, impjegat mieghu, innotalu teba fuq is-saqaf u teba fuq il-bonnett. Fil-fatt xix-ahar wara kien rega hariglu s-sadid minn dik il-parti li sewwew fejn gja qabel kien hm sadid.**

**6. John Busuttil jikkonfera li malli l-konvenut wasal l-ufficjju innota li l-karroza kellha tebgha.**

**7. Tenut kont ta’ dan ma jirrizultax illi x-xoghol sar kif suppost, sija minhabba li l-karrozza li giet “sprayed” inghatatlu bit-tbajja, kif ukoll peress illi mill-ewwel rega hareg is-sadid. Ghalhekk il-konvenut m’ghandu jhallas xejn lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi qed jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati, qed jilqa l-eccezzjoni sollevata dwar il-mertu, u konsegwentement jichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------